MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Numru. 744/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**KONTRA**

**NICHOLAS MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Nicholas Muscat ta’ 30 sena, bin Joseph u Philomena nee’ Camilleri, mwieled fis- 27 ta’ Gunju 1981, residenti Santa Rita, Triq il- Kittenija, Zurrieq u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 360181M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fit- 22 ta’ Mejju 2011 ghal habta tas- 7.32hrs fi Triq l- Istabal gewwa Hal- Qormi, b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila jew arti jew professjoni jew b’ nuqass ta’ tharis tar- regolamenti tat- traffiku, waqt li kien qed isuq il- vettura Skoda 130R bin- numru tar- registrazzjoni FBB 181 ikkaguna offizi ta’ natura gravi u perdurata fuq il- persuni ta’ Theresa Bartolo mir- Rabat u fuq il- persuna ta’ William Harrison minn Haz- Zebbug respettivament skond kif iccertifika Dr. Karl Spiteri Reg no 5252 ta’ MDH;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta kollizjoni bejn zewg vetturi fid-data u l-hin indikati. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu f’ Hal Qormi meta inqalghet rota ta’ quddiem tax-xellug tal-vettura tieghu u habat f’ vettura ohra gejja mid-direzzjoni opposta. Per konsegwenza ta’ dan l-incident, wegghu gravi Theresa Bartolo u William Harrison.

Mil-provi prodotti ma hemmx kontestazzjoni li effettivament il-kollizjoni sehhet minhabba f’din ir-rota li nqalghet mil-vettura misjuqa mill-imputat. Id-difiza ghalhekk qed tikkontendi li ma kien hemm ebda negligenza da parti tal-imputat, u ghalhekk m’ghandux jinstab hati. L-unika diffikulta’ li ghandha l-Qorti f’dan is-sens hija li persuni li kienu rikba mieghu xehdu u qalu li kienu qed jisimghu hoss gej min-naha ta’ quddiem tal-vettura, izda ghalkemm waqfu darbtejn biex jaraw x’setghet kienet il-hsara, huma ma raw xejn. Komplew isuqu, minghajr velocita’, izda sehhet il-kollizjoni kif intqal. Il-Qorti taqbel sa certu punt mad-difiza, peress illi kien gia’ messu ha prekawzjoni ahjar l-imputat jekk sema’ hoss gej

mil-vettura tieghu, u mhux jibqa' jsuq. Madankollu taqbel li ma kien hemm ebda ksuhat min-naha tieghu fis-sewqan, u l-incident ma garax minhabba sewqan b'velocita' eccessiva, izda kien wiehed frott ta' traskuragni ghal dak li seta' jipprevedi li jigri. Ghalhekk din il-konsiderazzjoni ghandha tigi riflessa fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikolu 328(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------